MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 488/2012

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**vs.**

**Stefania Andreinski (KI-877678M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,958.45c) – rapprezentanti servizzi ta' komunikazzjoni, bil-kont numru *A/C 51011086*, liema servizz inghata mis-socjeta` attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-

Seduta, izda hija ma kkontestatx it-talba fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Ra  li fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Settembru 2012 il-konvenuta dehret ghall-udjenza u xehdet bil-gurament fejn hija iddikjarat li hija ghandha thallas lis-socjeta' Mobisle Communications Limited is- somma ta' elfejn disa' mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,958.45c).

Ra li t-Tribunal ddiferixxa t-talba sabiex tinghata sentenza ghas-seduta odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, jikkundanna lill-konvenuta Stefania Andreinski thallas lis-socjeta` attrici Mobisle Communications Limited is-somma ta' elfejn disa' mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,958.45c), bl-imghax dekorribbli mit-12 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tat-talba. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------